PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

12.7.2010

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1659/2009, ippreżentata minn Ferenc Tibor Zsak, ta' nazzjonalità Ungeriża, f'isem il-Konservazzjonisti tal-Lvant tal-Ungerija dwar il-ħarsien ta' sit ta' Natura 2000.

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dannu ambjentali fil-foresta Girincs, li hija parti min-netwerk Natura 2000. Huwa jindika li l-foresta, fejn jgħixu speċijiet speċjali u protetti, qed tiġi mhedda serjament minn metodi mhux professjonali ta' forestrija u twaqqigħ illegali ta' siġar. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet ma tantx qed jistinkaw biex jipproteġuha u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' proċeduri tajba u ta' monitoraġġ li huma neċessarji għall-prevenzjoni tal-qerda ta' din iż-żona ta' Natura 2000. Għalhekk huwa qed jitlob li ssir investigazzjoni.

## 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 24 Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa mħasseb dwar id-dannu ambjentali irriversibbli li allegatament ġie kkawżat fil-Foresta Girincs, sit tan-Natura 2000 li jinsab fil-kontea ta' Borsod-Abaúj-Zemplén fil-Grigal tal-Ungerija. Il-petizzjonant jallega li 99% tat-territorju totali ta' madwar 110 ettari tal-Foresta Girincs, li tappartjeni għat-tipi ta' ħabitats imniżżla fil-

kodiċijiet 91E0 u 91F0 fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE[1] dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u flora selvaġġi (minn hawn ’il quddiem, id-“Direttiva dwar il-Ħabitats”), ġie meqrud b’riżultat tal-qtugħ illegali tas-siġar kif ukoll mill-attivitajiet ta' forestrija mill-maniġer forestali li wasslu għall-għajbien tal-popolazzjoni sinifikanti lokali ta’ *Euphydryas maturna* (fi kliem ieħor, il-farfett fritillari rari), jiġifieri l-ispeċi markatur tas-sit, u diversi speċijiet oħra ta’ interess Komunitarju. Il-petizzjonant jafferma li l-awtoritajiet Ungeriżi naqsu milli jwettqu l-obbligi rilevanti tagħhom skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħabitats. F’Mejju 2009 l-Kummissjoni rċeviet ilment li kien qed iqajjem l-istess kwistjonijiet tal-petizzjoni.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

B’konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Diretiva dwar il-Ħabitatas, fl-2004, ir-Repubblika tal-Ungerija pproponiet il-Foresta Girincs bħala sit eliġibbli għall-inklużjoni fil-lista ta’ siti ta’ importanza Komunitarja (pSCI). Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/26/KE tat-13 ta' Novembru 2007[2], il-Foresti Girincs issa hija inkluża taħt ir-referenza HUBN20029 fuq il-lista ta’ siti magħżula ta’ importanza Komunitarja (SCI). Għaldaqstant, minn dik id-data, is-sit kien suġġett għar-reġim ta’ protezzjoni legali stabbilit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw li jkun hemm deterjorament tal-ħabitats naturali u tal-habitats ta’ speċijiet, kif ukoll li l-ispeċijiet li għalihom kienu ġew maħsuba ż-żoni jiġu ddisturbati, safejn dan id-disturb jista’ jkun sinifikanti fir-rigward tal-għanijiet tad-Direttiva. L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jipprevedi proċedura ta’ evalwazzjoni bil-għan li tiżgura, permezz ta’ eżami minn qabel, li pjan jew proġett li ma jkunx direttament marbut mat-tmexxija tas-sit ikkonċernat, jew li ma jkunx meħtieġ minnu, iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, ikun awtorizzat biss sakemm ma jkunx jaffettwa ħażin l-integrità ta’ dak is-sit.

Abbażi tal-ilment li rċeviet il-Kummissjoni f'Mejju 2009, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni mill-awtoritajiet Ungeriżi fir-rigward tal-istat attwali tal-Foresta Girincs u l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti rilevanti skont l-Artikolu 6(2)-(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Skont il-risposta li hija rċeviet, minħabba attivitajiet awtorizzati ta’ foresterija (pjan silvikulturali) u l-qtugħ illegali, tneħħew total ta’ 38,4 ettaru mill-foresta (jiġifieri, madwar 57% tat-total tal-wiċċ msaġġar tas-sit). L-awtoritajiet ammettew li l-pjan silvikulturali ma kienx suġġett għall-valutazzjoni tal-impatt ambjentali skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats minħabba li dan il-pjan kien ġie adottat qabel ma l-Ungerija issieħbet mal-Unjoni Ewropea u qabel mal-Foresta Girincs iddaħħlet fin-netwerk Natura 2000 tal-UE. L-awtoritajiet ammettew ukoll li l-popolazzjoni ta’ *Euphydryas maturna* fuq is-sit naqset b'mod sinifikanti. Għalhekk, għandu jiġi konkluż li t-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-friefet tirriżulta, tal-anqas parzjalment, mill-qtugħ tas-siġar.

L-awtoritajiet Ungeriżi impenjaw ruħhom li jirrevedu l-pjan silvikulturali attwali sabiex jirrimedjaw id-dannu kkawżat lis-sit u sabiex ma jħallux li jkun hemm ħsara simili fil-ġejjieni. L-awtoritajiet impenjaw ruħhom li jipproteġu ż-żoni tal-habitat ikkonċernat li għad fadal u li

[1] ĠU L 206, 22.7.1992
[2] ĠU L 012, 15.1.2008, p.678-710

jsaġġru mill-ġdid iż-żona biex jirrestawraw il-ħabitats li saritilhom ħsara. Huma indikaw ukoll li kienu se ippjanaw li jieħdu miżuri biex jirrestawraw il-ħabitat għall-*Euphydryas maturna* u li jniedu proġett ta' riċerka għall-istudju tal-popolazzjonijiet tal-farfett u sabiex jiġu esplorati oqsma barra min-netwerk Natura 2000 bil-ħsieb li possibilment dawn jiddaħħlu fin-netwerk sabiex jitħares dan il-farfett. L-istudju huwa mistenni li jdum tal-anqas sentejn. Barra minn hekk, l-awtoritajiet għarrfu lill-Kummissjoni li ġie mwaqqaf servizz ta' ħarsien tal-foresti biex jipprevjeni l-qtugħ illegali.

Konklużjonijiet

Is-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qed janalizzaw l-informazzjoni li rċevew mill-awtoritajiet Ungeriżi bil-ħsieb li jieħdu passi addizzjonali fil-ġejjieni, jekk ikun meħtieġ. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tivvaluta, b'mod partikolari, jekk il-miżuri ta' kumpens proposti jistgħux jitqiesu suffiċjenti sabiex ipattu għall-ħsara mġarrba sabiex tinżamm il-koerenza ekoloġika globali tan-netwerk Natura 2000.